# IL-PATT EKOLOĠIKU TAGĦNA GĦALL-EWROPA WIEĦED ĠUST

WRITTEN BY YOUNG PEOPLE ACROSS EUROPE

# INDIĊI


Introduzzjoni 5

Prinċipji u valuri 6

Viżjonijiet minn żgħażagħ Ewropej 8

1. Dekarbonizzazzjoni: Tibdil fil-Klima, Enerġija Nadifa u Mobbiltà Intelliġenti 8
2. Ekonomija Ċirkulari: Produzzjoni, Konsum, u Kummerċ Sostenibbli 10
3. Tindif mit-Tniġġis: Arja, Ilma, u Ħamrija 12
4. Sistemi ta' Ikel Sostenibbli u Żoni Rurali 14
5. Il-Komuni: Il-Protezzjoni u r-Restawr tal-Ekosistemi 18
6. L-Arti, il-Kultura, u t-Tagħlim 20
7. Il-Governanza u t-Teħid tad-Deċiżjonijiet 21
8. Il-Finanzjament tat-Trasformazzjoni tas-Sistema 22
9. Il-Kura tas-Saħħa u l-Ġustizzja Soċjali 23

Konklużjoni 24

Glossarju 25

Kofirmatarji 26




# INTRODUZZJONI

## Min aħna?

Aħna żgħażagħ, organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u membri ta' gruppi nazzjonali ta' Young Friends of the Earth madwar l-Ewropa, li ngħaqqadna biex niddefinixxu l-futur li aħna rridu li l-Patt Ekoloġiku Ewropew iġib fis-seħħ.

Il-Proposta taż-Żgħażagħ għall-Patt Ekoloġiku Ewropew tippreżenta narrattiva tal-futur li rridu u tat-trasformazzjoni urġenti intersezzjonali li hemm bżonn fis-soċjetà tagħna. Din tippreżenta l-viżjonijiet taż-żgħażagħ għal futur soċjalment ġust u ekoloġikament san u tenfasizza l-momentum għal bidla sistemika. Id-dinja bħalissa qiegħda f'punt kritiku fejn irridu nieħdu miżuri kuraġġużi u azzjonijiet kollettivi kordinati biex nibnu futur ekwitabbli, sostenibbli, u soċjalment ġust li lkoll kemm aħna rridu ngħixu fih. Iż-żmien għal azzjonijiet kollettivi kuraġġużi biex nibnu dinja aħjar għal kulħadd hu ISSA!

Għal sentejn, aħna ġbarna viżjonijiet minn 3300 żgħażagħ ġejjin minn sfondi u identitajiet differenti madwar l-Ewropa. Aħna ffukajna speċifikament biex ningaġġaw żgħażagħ li mhumiex rappreżentati biżżejjed, għaliex dawn, ħafna drabi, mhumiex inklużi fil-proċessi li fihom jittieħdu d-deċiżjonijiet li jaffettwawhom. Dawn il-viżjonijiet huma maqsuma skont kategoriji tematiċi u huma fformulati bħala prijoritajiet għall-futur, suġġerimenti ta' soluzzjonijiet u azzjonijiet, u rakkomandazzjonijiet ta' politika. Dawn mhumiex universali għaliex kull pajjiż għandu punt ta' tluq differenti kif ukoll passi differenti li jridu jieħdu biex jittrasforma s-soċjetà tiegħu. Madankollu, din il-Proposta taż-Żgħażagħ kapaċi sservi ta' pjan direzzjonali għall-partijiet interessati kollha biex ibiddlu s-sistema u joħolqu Green Deal Ewropew li hu msejjes fuq futur li ż-żgħażagħ Ewropej iridu. Għaldaqstant, aħna inkludejna suġġerimenti fuq x'jistgħu jagħmlu erba' partijiet interessati—dawk li jfasslu l-politika, in-negozji, il-komunitajiet, u l-individwi.

Dawk li jfasslu l-politika huma nies li huma involuti fl-iżvilupp tal-politika u d-deċiżjonijiet li jirrigwardawhom, eż. membri ta' gvernijiet u l-konsulenti tagħhom, kif ukoll parlamentari ta' diversi livelli. Politika mhijiex liġi iżda pjan t'azzjoni maħdum minn gvern. Dawk li jfasslu l-politika għandhom responsabbiltà kbira biex jinizzjaw bidla fis-sistema u biex jimplimentaw azzjonijiet trasformattivi u kuraġġużi li jiżguraw futur sostenibbli u ġust għal kulħadd. Dawk li jfasslu l-politika jistgħu jirregolaw attivitajiet tan-negozji, iżda n-negozji nfushom jistgħu jikkontribwixxu għal bidla sistematika. Billi jbiddlu l-prattiċi biex ikunu aktar favur l-ambjent u jorjentaw il-fok tagħhom lil hinn minn sempliċiment profitti u minflok iħarsu lejn kif dawn jimpattaw fuq is-soċjetà u l-ambjent, in-negozji jistgħu jagħtu kontribut lil żvilupp u innovazzjoni sostenibbli. L-unika soluzzjoni għall-kriżi tal-klima attwali hija bidla fuq skala massiva sistematika, però dan ma jfissirx li komunitajiet u individwi jistgħu ma jagħmlu xejn. Aħna nistgħu nedukaw lilna nfusna, nistgħu nużaw leħinna u nivvutaw biex nitolbu għal bidla sistematika, nistgħu nużaw is-saħħa tal-akkwist tagħna biex nappoġġjaw negozji sostenibbli, u nistgħu nbiddlu l-imġieba u l-istil ta' ħajja tagħna. Però, huwa importanti li nirrikonoxxu li kulħadd għandu riżorsi u opportunitajiet differenti u li mhux kulħadd għandu l-abbiltà jew l-għarfien biex jgħix b'mod aktar sostenibbli.

Bil-Proposta taż-Żgħażagħ, aħna rridu nitfgħu dawl fuq l-ilħna taż-żgħażagħ u partikolarment l-ilħna ta' dawk li ġew imċaħħda b'mod iddisprat mill-vuċi tagħhom mis-sistema attwali. Aħna qed nibnu fondazzjoni għall-viżjonijiet komuni ma' żgħażagħ madwar il-kontinent, infurmati mill-esperjenzi mgħixa tagħna u l-komunitajiet li naħdmu magħhom u nirrappreżentaw. Aħna rridu Patt Ekoloġiku ġust għall-Ewropa li hu bbażat fuq bidla sistematika ġusta u radikali u li hi inklussiva tal-ilħna kollha, u mhux dawk privileġġati biss.

# PRINĊIPJI U VALURI

Il-valuri huma twemmin fundamentali li jiggwidaw u jimmotivaw l-azzjonijiet tagħna, kif ukoll jgħinuna niddeterminaw dak li hu importanti għalina. Il-valuri jiddeskrivu l-kwalitajiet personali li aħna niddeċiedu li nattwaw, it-tip ta' persuna li nixtiequ nkunu, il-manjiera li biha nittrattaw lilna nfusna u lill-oħrajn, kif ukoll l-interazzjoni tagħna mad-dinja ta' madwarna—huma jipprovdulna l-gwidi ġenerali għall-imġieba tagħna[1].

Fuq livell kollettiv, soċjetajiet jipprijoritizzaw ċertu valuri u dawn jaffettwaw l-għażliet li jsiru, mill-kura tas-saħħa u d-drittijiet tal-impjieg sal-immaniġġjar tar-riżorsi. Dawn l-għażliet iħallu impatt fit-tul fuq il-futur. Qabel ma nibdew nipprevedu l-futur, huwa importanti li nidentifikaw il-valuri li kull wieħed u waħda minna nipposedu. Dawn huma fost l-aktar valuri komuni mħaddna minn żgħażagħ Ewropej, hekk kif identifikati mill-proċess kollettiv ta' viżjoni tagħna:

Il-valuri u l-prinċipji li jispikkaw mill-proċess kollettiv ta' viżjoni huma **l-fiduċja, l-ekwità, ir-rispett, l-imħabba, u s-solidarjetà**. Aħna niddefinixxu dawn it-termini kif ġej: Il-fiduċja hi li temmen li xi ħadd huwa tajjeb u onest u li mhux ħa jagħmillek ħsara, jew li għandek il-kunfidenza li xi ħaġa hija sigura u affidabbli[2]. L-ekwità hija r-rikonoxximent li l-bnedmin kollha huma tal-istess valur, li jixirqilhom id-dinjità, drittijiet ugwali, u aċċess ugwali għar-riżorsi, inkluż ta' għarfien u finanzi[3]. Ir-rispett ifisser li taċċetta lil xi ħadd għal dak li hu, anke jekk dawn huma differenti jew għandhom opinjonijiet differenti[4]. L-imħabba hija li tieħu ħsieb, u tħossok viċin ferm, ta' persuna oħra. Is-solidarjetà tfisser li tipprattika alleanza sinifikanti ma' nies oħra u ħafna drabi tinvolvi li tappoġġja komunitajiet b'interessi u responsabbiltajiet komuni[5].

Li nkunu ggwidati mill-valuri kapaċi jagħtina l-kuraġġ li nbiddlu sitwazzjonijiet b'mod kollettiv u tispirana biex nibqgħu l-veru aħna jew għal dak li rridu nkunu. Billi niddependu fuq **ir-rispett, komunikazzjoni, u rikonoxximent** tal-valuri differenti tagħna, aħna nistgħu naħdmu flimkien f'solidarjetà biex nakkwistaw il-bidla pożittiva li nixtiequ għall-futur[6].

[1]https://www.ethicssage.com/2018/08/what-are-values.html
[2]https://dictionary.cambridge.org/dictionary/english/trust
[3]https://youngfoee.eu/wp-content/uploads/2020/12/yfoee_manifesto_final.pdf
[4]https://kidshelpline.com.au/teens/issues/all-about-respect
[5]https://youngfoee.eu/wp-content/uploads/2020/12/yfoee_manifesto_final.pdf
[6]https://take10volunteer.org/solidarity-activism








# VIŻJONIJIET

Hawn taħt se nippreżentaw il-viżjonijiet taż-żgħażagħ għal disa' kategoriji differenti, li huma bbażati fuq l-oqsma tal-politika differenti tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-viżjonijiet huma rakkomandazzjonijiet ta' politika, prijoritajiet futuri, jew suġġerimenti għal soluzzjonijiet jew azzjonijiet għal erba' partijiet interessati differenti—gvernijiet lokali, nazzjonali, u Ewropej, negozji, komunitajiet, u individwi.

## 1. Dekarbonizzazzjoni: Tibdil fil-Klima, Enerġija Nadifa u Mobbiltà Intelliġenti

Hemm bżonn ta' bidliet radikali biex jitnaqqas radikalment il-livell ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ u biex neliminaw il-karbonju mis-soċjetà tagħna. Iż-żgħażagħ jimmaġinaw soċjetà bbażata fuq *degrowth*, fejn karburanti fossili huma pprojbiti, l-enerġija tkun rinnovabbli u demokratizzata, bi vjaġġar sostenibbli jkun aċċessibbli għal kulħadd. Li nipproteġu d-drittijiet ta' nies indiġeni u ninkludu l-vuċijiet tagħhom fit-tfassil tal-politika huwa wkoll kruċjali għall-proċessi ta' dekarbonizzazzjoni.




### X'jistgħu jagħmlu gvernijiet lokali, nazzjonali, u Ewropej?

- Iwaqqfu r-relazzjoni ta' estrazzjoni u sfruttament li għandhom man-natura. Deċiżjonijiet m'għandhomx jiġu motivati mill-profitt, iżda mill-għan li jiġu maħluqa soċjetajiet ekwitabbli, sostenibbli, u soċjalment ġusti.
- Jieqfu jisfruttaw pajjiżi fin-nofsinhar globali u jiżguraw li kull min hu affettwat għandu siġġu mal-mejda, inkluż nies indiġeni.
- Iżommu responsabbli dawk kollha li jniġġsu għall-ħsarat klimatiċi u ambjentali.
- Jiddikjaraw emerġenza tal-klima u jintegraw kunsiderazzjonijiet ta' ġustizzja soċjali fis-soluzzjonijiet klimatiċi.
- Jieqfu jippromwovu mekkaniżmi foloz, bħall-**qbid u ħżin tad-diossidju tal-karbonju** u l- **ġeoinġinerija** bħala soluzzjonijiet klimatiċi. Dawn l-istrateġiji jippermettu **greenwashing** u jiżvijjaw l-attenzjoni tan-nies u tan-negozji mill-bżonn li jitnaqqsu l-emissjonijiet.







- Jeliminaw gradwalment il-produzzjoni tal-karburanti fossili, nukleari, u tal-idroġenu, filwaqt li jiżguraw aċċess għal enerġija affordabbli għal kulħadd.
- Jappoġġjaw u jiżviluppaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli li għandhom l-inqas impatt fuq l-ambjent. Joħolqu diżinċentivi għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli li mhumiex effiċjenti u li jikkawżaw ħsara lill-pjaneta, bħall-idroenerġija.
- Itemmu monopolji tal-enerġija. Jiddeċentralizzaw u jiddemokratizzaw il-produzzjoni tal-enerġija sabiex in-nies ikunu jafu u jiddeċiedu minn fejn tiġi l-enerġija tagħhom u sabiex dejjem ikollhom sorsi tal-enerġija sostenibbli u etiċi minn fejn jagħżlu.
- Jirrikonoxxu u jikkonfrontaw faqar relatat mal-enerġija. Jikkollaboraw ma' pajjiżi oħra biex jagħmlu enerġija rinnovabbli aċċessibbli għal kulħadd.
- Jeliminaw il-karbonju mill- u jespandu l-infrastruttura tat-trasport pubbliku sabiex dan ikun aċċessibbli, affordabbli, effiċjenti, u sigur għal kulħadd. Alternattivi għall-karozzi għandhom ikunu komdi, rapidi, u diretti daqs il-karozzi u m'għandhomx jiġu a skapitu ta' sfruttament fuq skala massiva ta' riżorsi jew ħabitats naturali.
- Jinċentivaw in-nies biex jużaw it-trasport pubbliku u biex jivvjaġġaw b'mod sostenibbli.
- Jieqfu jissussidjaw l-industrija tal-avjazzjoni u jġiegħlu lil kumpaniji jħallsu talli jipprovdu għażliet li jinvolvu l-karbonju, bħall-ajruplani u l-karozzi. Jiżguraw li l-prezz tat-titjir jirrifletti l-prezz ambjentali.
- Jallokaw spazji pubbliċi lin-nies u komunitajiet, u mhux għall-parkeġġi tal-karozzi.




### X'jistgħu jagħmlu n-negozji?

- Itemmu r-relazzjoni ta' estrazzjoni tagħhom man-natura. Jaġġornaw il-politika u l-investimenti internali tagħhom biex dawn ikunu kompatibbli mal-għanijiet tal-klima.
- Jipprijoritizzaw il-ġustizzja soċjali u ambjentali u joħolqu impenji trasparenti li jistgħu jitkejlu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet.
- Jiddekarbonizzaw il-mudell ta' trasportazzjoni tagħhom—jużaw merkanzija tal-ferrovija jew tal-baħar minflok karozzi jew merkanzija tal-ajru, jużaw roti għall-merkanzija biex jagħmlu l-kunsinna tal-'aħħar mil' aktar effiċjenti u sostenibbli, itemmu skemi ta' karozzi tal-kumpaniji, u jutilizzaw teknoloġiji diġitali biex inaqqsu vvjaġġar ġenerali u vvjaġġar mid-dar għall-post tax-xogħol ta' bla bżonn.
- Jappoġġjaw ħaddiema biex jaħdmu mid-dar fejn hu possibbli u joffru inċentivi biex jagħmlu użu mit-trasport pubbliku u ċikliżmu u/jew mixi fejn hu possibbli.
- Jużaw sorsi tal-enerġija aktar sostenibbli u lokali u jagħmlu donazzjonijiet ta' enerġija żejda lil komunitajiet li jbatu minn faqar relatat mal-enerġija.
- Jgħinu fl-avvanz ta' teknoloġija effiċjenti fl-enerġija u mudelli ta' negozju sostenibbli.




### X'jistgħu jagħmlu l-komunitajiet?

- Joħolqu konoxxenza dwar modijiet kif nistgħu niddekarbonizzaw is-soċjetà tagħna u jgħinu biex jinbidlu normi u opinjonijiet kulturali. Jistabbilixxu mobbiltà ġdida kulturali biex jiġġieldu l-approċċ u l-mentalità msejsa fuq l-użu tal-karozzi.
- Jippromwovu mobbiltà attiva għas-saħħa fiżikali u mentali (eż. joħolqu avvenimenti u gruppi fejn nies ikunu jistgħu jsuqu r-roti u jimxu flimkien, ifasslu rotot taċ-ċikliżmu u tal-mixi għat-tfal).
- Jiksbu lura l-parkeġġi tal-karozzi bħala spazji kreattivi komunitarji u jistabbilixxu pjattaformi għal nies biex jirrappurtaw fuq kwistjonijiet ta' mobbiltà u sigurtà.
- Jimmobilizzaw biex iwaqqfu monopolji tal-enerġija u jikkollaboraw biex jiżviluppaw koperattivi tal-enerġija lokali ġusti biex jiddeċentralizzzaw u jiddemokratizzaw sistemi tal-enerġija.
- Jistabbilixxu inizjattivi għat-tqassim u t-tiswija tar-riżorsi.

### X'jistgħu jagħmlu l-individwi?




- Iżommu lilhom infushom aġġornati fuq l-aktar xjenza u politika riċenti u jipprattikaw ħsieb kritiku sabiex jattwaw azzjonijiet infurmati fir-rigward tat-tibdil fil-klima.
- Jinfurmaw lilhom infushom fuq kif jistgħu jnaqqsu l-marka tal-karbonju (carbon footprint) tagħhom.
- Isiru ċittadini proattivi—kun attiv fil-politika u l-komunità tiegħek, uża leħnek u l-vot tiegħek biex titlob għall-bidla.
- Jimxu, isuqu r-rota, jew jużaw trasport pubbliku. Jekk is-sewqan u t-titjir huma neċessarji, uża l-aktar għażla effiċjenti u sostenibbli.
- Inaqqsu l-konsum tal-enerġija, jużaw enerġija rinnovabbli, u jinvestu f'proġetti tal-enerġija tal-komunità.

# VIŻJONIJIET

## 2. Ekonomija Ċirkulari: Produzzjoni, Konsum, u Kummerċ Sostenibbli

Ekonomija ċirkulari hija mudell ekonomiku ta' produzzjoni u konsum li fih iċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti jiġi estiż u l-iskart jiġi limitat għall-aktar minimu[7]. Dan iseħħ permezz tat-tqassim, self, l-użu mill-ġdid, tiswija, renovazzjoni, u riċiklaġġ ta' materjali u prodotti eżistenti sakemm dan jibqa' jkun possibbli. Iż-żgħażagħ jaspiraw għal ekonomija ċirkulari li tipprijoritizza l-bżonnijiet ta' komunitajiet b'nuqqas ta' rappreżentazzjoni, waħda li ttejjeb il-ħajja tan-nies waqt li tipproteġi l-pjaneta. Il-viżjonijiet elenkati f'din is-sezzjoni jistgħu jgħinu ppjannar kollettiv bit-tir li jiddistribwixxi mill-ġdid il-finanzi u l-investimenti għal mudelli li jiggarantixxu użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u aċċess ġust għall-bżonnijiet u servizzi bażiċi għal kulħadd.

### X'jistgħu jagħmlu gvernijiet lokali, nazzjonali, u Ewropej?




- Jieqfu jittrattaw in-natura bħala riżorsa għal sfruttament bla limiti u għal miżbla għall-iskart.
- Jaqilbu għal ekonomija ċirkulari bbażata fuq il-prinċipju ta' riduzzjoni-riużu-riċiklaġġ, il-ġid komuni, il-kuntentizza, u l-benesseri.
- Jirregolaw l-użu u l-estrazzjoni ta' materjali u riżorsi limitati u ma jagħevolawx korporazzjonijiet internazzjonali li jippruvaw jieħdu kontroll ta' swieq lokali.
- Jiżguraw li l-prezzijiet jirreflettu aħjar il-prezz ambjentali tal-produzzjoni.
- Jiżviluppaw infrastruttura tal-immaniġġjar tal-iskart adegwata u jieqfu jesportaw l-iskart lin-Nofsinhar Globali. Jipprojbixxu l-produzzjoni u l-użu ta' prodotti tal-plastik u mikroplastik li jintremew wara l-użu.
- Jipprovdu informazzjoni faċilment aċċessibbli għaċ-ċittadini fuq kif l-azzjonijiet tagħna jimpattaw id-dinja u l-ambjent naturali tagħna.
- Jiżguraw li l-konsumaturi jkollhom id-dritt biex isewwu l-prodotti tagħhom u joħolqu liġijiet kontra obsolexxenza ppjanata.
- Jikkonsultaw u jinvolvu esperti, gruppi ta' minoranza, u nies indiġeni meta jiżviluppaw trattati tal-kummerċ tal-UE.
- Jabolixxu it-Trattat tal-Karta tal-Enerġija u jieqfu jinkludu Soluzzjoni ta' Tilwim bejn Investituri u Stati (ISDS) fi ftehimiet kummerċjali.

### X'jistgħu jagħmlu n-negozji?




- Jaddottaw mudell ta' negozju ċirkolari bbażat fuq degrowth, benesseri ambjentali u soċjali, u l-kuntentizza. Il-proċessi kollha ta' produzzjoni għandhom jiffukaw fuq upcycling, jimmiraw għal marka tal-karbonju baxxa/zero, u jutilizzaw teknoloġiji u materjali sostenibbli.
- Jieqfu jesportaw l-iskart lin-Nofsinhar Globali.
- Jipprovdu informazzjoni faċilment aċċessibbli u trasparenti rigward l-impatt ambjentali tal-katina ta' provvista sħiħa.
- Itemmu obsolexxenza ppjanata u jipproduċu prodotti li huma ta' kwalità għolja u durabbli.
- Joħolqu prodotti li jissewwew u jiffaċilitaw tiswijiet għall-klijenti.
- Itemmu l-prattika ta' "fast fashion" u jużaw tessuti sostenibbli, bħall-qanneb u l-linen.
- Jipprovdu ikel veġeterjan jew vegan u jixtru ikel frisk prodott lokalment.



### X'jistgħu jagħmlu l-komunitajiet?

- Joħolqu ekonomija kollaborattiva u jippromwovu kultura ta' riduzzjoni-riużu-riċiklaġġ.
- Jiżviluppaw pjattaformi diġitali li jqarrbu ċ-ċittadini u dawk li jiġbru l-iskart.
- Jippreparaw ikel id-dar bi prodotti lokali u sostenibbli. Jevitaw ikel ipproċessat kemm jista' jkun possibbli.
- Jappoġġjaw ekoturiżmu u intrapriża lokali u sostenibbli.
- Jappoġġjaw u juru solidarjetà ma' nies indiġeni u gruppi ta' minoranza oħra waqt negozjati tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE.

### X'jistgħu jagħmlu n-nies?

- Jinfurmaw lilhom infushom fuq kif jgħixu ħajja aktar sostenibbli.
- Jikkunsmaw inqas, jimminimizzaw l-iskart, u jippromwovu kultura ta' riduzzjoni-riużu-riċiklaġġ.
- Isiru konsumaturi konxji u etiċi—jixtru prodotti sostenibbli u jappoġġjaw kumpanji lokali li jieħdu ħsieb l-ambjent.
- Jixtru ikel u prodotti tal-merċa friski u lokali sabiex inaqqsu l-imballaġġ u t-trasport u biex jappoġġjaw l-ekonomija lokali.

[7] https://www.europarl.europa.eu/news/en/headlines/economy/20151201STO05603/circular-economy-definition-importance-and-benefits

# VIŻJONIJIET

## 3. Tindif mit-Tniġġis: Arja, Ilma, u Ħamrija

Ambjent sostenibbli tajjeb għas-saħħa jista' biss jinkiseb jekk it-tniġġis tal-arja, tal-ilma, u tal-ħamrija jiġi indirizzat b'mod effettiv. Aħna parti minn ekosistema interkonnessa u insostitwibbli li qed tiġi meqruda minn attività umana. Tniġġis sostanzjali tal-arja, l-ilma, u tal-ħamrija mhux biss qed jaffettwa s-saħħa u l-għajxien uman, iżda wkoll il-bilanċ tal-ekosistemi. Aħna qed nitolbu għal rimedjazzjoni ambjentali u azzjoni kollettiva mil-livelli kollha tas-soċjetà., inkluż gvernijiet, negozji, komunitajiet, u n-nies, sabiex nirrestawraw is-saħħa u l-kwalità tal-arja, l-ilma, u l-ħamrija tagħna.

### X'jistgħu jagħmlu l-gvernijiet?

- Jaħdmu ma' gvernijiet u organizzazzjonijiet intergovernattivi oħra sabiex itejbu trattati internazzjonali eżistenti biex jikkumbattu t-tniġġis.
- Jimplimentaw leġiżlazzjoni tal-ġustizzja tal-klima li jżommu negozji u individwi li jniġġsu responsabbli ta' ħsarat għall-klima u l-ambjent, bħal per eżempju billi jagħmlu l-ekoċidju delitt internazzjonali.
- Jinteraġixxu ma' sistemi ta' għarfien tradizzjonali u indiġeni biex jidentifikaw modijiet sostenibbli ta' kif itejbu l-kwalità tal-arja, il-fertilità tal-ħamrija, u l-benesseri tal-bniedem.
- Jistabbilixxu kontroll u protezzjoni stretta ta' xmajjar u lagi billi, eż. jinstallaw impjanti ta' trattatament fis-sit tal-influss tad-drenaġġ.
- Jipproteġu l-oċeani u l-ibraħ billi jintroduċu regolamenti li jipprojbixxu r-rimi tal-iskart fil-baħar u l-użu ta' materjali tossċi għall-ambjenti minn vapuri. Il-gvernijiet misshom ukoll jinvestu fl-iżvilupp ta' teknoloġiji effettivi li jnaddfu l-oċeani.
- Jindirizzaw it-tniġġis fl-ispazju u l-ibħra kkawżat minn satelliti qodma, partijiet ta' rokits, u stazzjonijiet spazjali.
- Jistabbilixxu stazzjonijiet ta' moniteraġġ tal-kwalità tal-arja madwar il-pajjiż u jipprovdu informazzjoni faċilment aċċessibbli fuq il-kwalità tal-arja liċ-ċittadini.
- Jagħlqu l-landfills.

### X'jistgħu jagħmlu n-negozji?

- Jistabbilixxu impjanti ta' trattament u jiżguraw li katini ta' provvista huma bbażati fuq prattiċi favur l-ambjent.
- Jieqfu jipproduċu u jbiegħu karozzi li jniġġsu.
- Jieqfu jużaw metodi ta' sajd li jagħmlu ħsara lill-ambjent u jarmu xbiek tas-sajd u skart ieħor fl-ibħra.

### X'jistgħu jagħmlu l-komunitajiet?

- Jistabbilixxu gruppi u proġetti lokali u reġjonali biex inaqqsu t-tniġġis u jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjonijiet komunitarji biex iżommu l-ambjent nadif u b'saħħtu.
- Jinkoraġġixxu l-awtoritajiet biex jiżirgħu siġar tal-frott u siġar tal-ġewż f'żoni pubbliċi biex itejbu l-kwalità tal-arja, il-ħamrija, u l-ilma, kif ukoll il-benesseri tal-annimali u tal-bnedmin. Prodotti maħsuda u dħul iġġenerat mill-bejgħ taħghom jistgħu jintużaw biex jappoġġjaw gruppi soċjalment vulnerabbli u biex jiffinanzjaw proġetti lokali biex jindirizzaw it-tniġġis.

### X'jistgħu jagħmlu n-nies?

- Jedukaw lilhom innifshom dwar id-drittijiet umani u r-regolamenti ambjentali biex iżommu n-negozji u l-awtoritajiet tal-istat responsabbli għall-azzjonijiet tagħhom.
- Isiru gwardjani tan-natura u jikkontribwixxu għal bidla soċjali u kulturali.





# VIŻJONIJIET

## 4. Sistemi ta' Ikel Sostenibbli u Żoni Rurali

Is-sistemi attwali tal-ikel hija bbażata fuq industrija agrikolturali u tal-akkwakultura inekwa, li huma ta' ħsara għall-klima, il-biodiversità, il-benesseri tal-annimali, is-saħħa pubblika, ekonomiji lokali, u ġustizzja razzjali. Għandna bżonn espansjoni massiva ta' sistemi ta' agrikoltura diversifikati, sostenibbli, organiċi, u riġinerattivi li huma bbażati fuq prattiċi li jiġbdu l-karbonju mill-atmosfera u jipproduċu ikel nutrittiv li juża inqas enerġija, art, u ilma. Kulħadd irid inaqqas drastikament il-ħela tal-ikel u l-konsum ta' prodotti tal-annimali. Permezz ta' proċess kollettiv ta' viżjonar, iż-żgħażagħ Ewropej ikkontribwixxew bil-viżjonijiet li ġejjin għal sistemi sostenibbli tal-ikel:

### X'jistgħu jagħmlu gvernijiet lokali, nazzjonali, u Ewropej?

- Jappoġġjaw finanzjarjament lil bdiewa u koperattivi organiċi, żgħażagħ, kif ukoll bdiewa riġenerattivi, sostenibbli u li joperaw fuq skala żgħira, u jintroduċu inizjattivi biex inaqqsu n-numru ta' rziezet industrijali u annimali tat-trobbija.
- Jużaw il-Politika Agrikola Komuni (CAP) biex jappoġġjaw it-tranżizzjoni minn agrikoltura industrijali għal agrikultura organika riġenerattiva.
- Jipprojbixxu pestiċidi li jagħmlu l-ħsara.
- Itejbu l-immaniġġjar tal-ħela tal-ikel u r-regolamenti tas-sigurtà tal-ikel biex jappoġġjaw donazzjonijiet tal-ikel u kompostjar. Jintroduċu liġijiet biex jipprojbixxu jew jillimitaw il-ħela tal-ikel min-negozji.
- Jiżguraw li kulħadd għandu aċċess għal ġnien biex ikabbar u (jerġa') jibni konnessjoni mal-ikel.
- Sikre, at politiske lovgivningsprocesser ikke er påvirket af agroindustrielle interesser.
- Jiżguraw li l-iżvilupp tal-politika ma tiġix influwenzata minn negozji agrikoli kbar.
- Jiżviluppaw skemi ta' ċertifikazzjoni għal ikel prodott etikalment sabiex dan ikun rikonoxxibbli fis-suq.
- Jillimitaw il-bejgħ ta' ħaxix u frott barrani.
- Jirrevedu u jaġġornaw il-kurrikulu għall-bdiewa u ħaddiema tal-agrikoltura oħra biex jinkludu s-sostenibbiltà u l-biodiversità bħala kunsiderazzjonijiet.
- Jorganizzaw workshops edukattivi għall-bdiewa biex itejbu l-kwalità u s-sostenibbiltà tal-produzzjoni tal-ikel tagħhom.
- Jedukaw il-pubbliku dwar is-sors ta' u l-impatt ambjentali tal-ikel tagħhom.
- Jistabilizzaw il-prezzijiet tal-ħxejjex fuq is-suq Ewropew u jiggarantixxu li l-bdiewa huma kapaċi jbiegħu l-prodotti tagħhom.
- Jieqfu jissussidjaw l-industrija tal-laħam. Jinvestu u jappoġġjaw alternativi għal-laħam li huma aħjar għan-nies u għall-pjaneta, bħal cultured meat u plant-based meat.






### X'jistgħu jagħmlu n-negozji?




- Jippratikaw agrikoltura sostenibbli u riġenerattiva li żżid il-fertilità tal-ħamrija u tirriċikla n-nutrijenti b'mod effettiv. Jużaw l-art li tintuża biex tipproduċi għalf għall-annimali biex jipproduċu ikel direttament għan-nies.
- Jieqfu jipproduċu ħut, annimali, żrieragħ, u xtieli ġenitikament modifikati.
- Jinkludu prodotti organiċi, lokali, u bbażati fuq il-pjanti u inqas prodotti bbażati fuq l-annimali fil-menus u fil-katini tal-provvista. Jiddonaw ikel żejjed biex jipprevjenu l-ħela tal-ikel.
- Jikkontribwixxu għal bidla kulturali u fl-imġieba, eż. billi jippromwovu porzjonijiet bilanċjati, joffru inqas prodotti derivati mill-annimali, u jippopolarizzaw "ugly food" (ġifieri ikel li mhux estetikament pjaċevoli iżda li jista' jittiekel).
- Jieqfu jinfluwenza politika agrikola u tal-biedja.
- Jipprovdu informazzjoni trasparenti dwar is-sostenibbiltà tal-katina tal-provvista tal-ikel, inkluż is-sors tal-proddoti tagħhom u t-tipi ta' pestiċidi li qed jużaw.

### X'jistgħu jagħmlu l-komunitajiet?

- Jappoġġjaw bdiewa żgħar lokali u jgħinu jistabbilixxu produzzjoni tal-ikel alternattiva u sostenibbli bħal **agrikoltura b'appoġġ komunitarju (CSA)**, koperattivi tal-ikel, u ġonna tal-komunità.
- Juru solidarjetà ma' gruppi mhux rappreżentati biżżejjed biex jiżguraw sigurtà tal-ikel u nutrizzjoni għall-komunità kollha.
- Jitgħallmu minn sistemi ta' ikel u prattiċi tal-biedja indiġena.
- Jgħallmu lit-tfal l-importanza ta' produzzjoni tal-ikel sostenibbli, it-tifsira tal-ikel li nieklu, u minn fejn ġej.
- Jgħaqqdu ambjenti urbani u rurali biex jiżguraw li kulħadd ikollu aċċess għal art fejn ikunu jistgħu jkabbru l-ikel tagħhom.
- Jitgħallmu minn movimenti internazzjonali tas-sovranità tal-ikel bħal La Vía Campesina.







### X'jistgħu jagħmlu n-nies?

- Jorganizzaw lilhom infushom u jużaw leħinhom biex jitolbu għal ġustizzja fir-rigward tal-ikel għal kulħadd.
- Jingħaqdu ma' ġonna komunitarji u forom oħra alternattivi u sostenibbli tal-produzzjoni tal-ikel.
- Jedukaw lilhom infushom fuq kif jiġi prodott l-ikel u minn fejn jiġi.
- Jieklu aktar ikel ġej mill-pjanti, kif ukoll ikel lokali, prodott b'mod sostenibbli, u ikel mingħajr imballaġġ.
- Jieklu inqas minn u prodotti aħjar tal-annimali.
- Ma jaħlux ikel.

# VIŻJONIJIET



# VIŻJONIJIET

## 5. Il-Komuni: Il-Protezzjoni u r-Restawr tal-Ekosistemir

Il-Komuni jirreferi għal riżorsi naturali u kulturali li huma maqsuma minn kulħadd, eż. l-arja, l-ilma, u l-foresti. Riżorsi komuni għandhom ikunu disponibbli u aċċessibbli minn kulħadd, u mhux proprjetà privata jew ikkontrollati minn korporazzjonijiet. Iż-żgħażagħ jirrikonoxxu li d-Dinja Ommna, in-natura, u kull ħlejqa ħajja għandhom drittijiet fundamentali li għandhom jiġu rispettati. Ħafna viżjonijiet jiffukaw fuq l-iżvilupp ta' soċjetà fejn in-nies huma f'armonija man-natura u jaħdmu biex kollettivament jikkonservaw, jirrestawraw, u jipproteġu ekosistemi. It-tfittxija bla tmiem tat-Tramuntana Globali biex taċċessa u testratta riżorsi naturali għandha tiġi mwaqqfa u d-dritt tan-Nofsinhar Globali għall-aċċess għal u l-preservazzjoni tal-ekosistemi tiegħu għandha tiġi mħarsa.




### X'jistgħu jagħmlu gvernijiet lokali, nazzjonali, u Ewropej?

- Jieħdu approċċ intersezzjonali għall-biodiversità u jiżguraw li l-protezzjoni tal-ekosistemi hija prijoritizzata fuq kull livell istituzzjonali.
- Jimplimentaw liġijiet li jirrikonoxxu ekosistemi u ambjenti naturali bħala entitajiet li jħaddnu drittijiet.
- Jillimitaw l-iżvilupp urban u l-okkupazzjoni tal-art, kif ukoll jiżguraw li porzjon minimu tal-ispazju urban ikun iddedikat għal spazji naturali oħra. Iżidu l-persentaġġ ta' żoni naturali u protetti.
- Jisimgħu minn u jikkonsultaw ma' nies indiġeni fil-proċessi tat-tfassil tal-politika għax dawn huma l-kustodji tal-art.
- Iżidu l-għarfien pubbliku dwar l-importanza li jipproteġu l-biodiversità u ħabitats diversi.
- Jiżviluppaw pjanijiet tat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastru u jżidu l-kapaċità li biha jaffaċċjaw perikli naturali u kriżijiet oħra relatati mal-klima.
- Jipproteġu u jerġgħu jintroduċu speċi fil-periklu, kif ukoll jiżviluppaw pjanijiet ta' biosigurtà biex jimmaniġġjaw riskji għall-ħajja umana, tal-annimali, u tal-pjanti.
- Itemmu politika tal-UE li tappoġġja ħtif tal-art fin-Nofsinhar Globali.

### X'jistgħu jagħmlu n-negozji?

- Jipproteġu servizzi tal-ekosistema billi jbiddlu prodotti sabiex jinkludu aktar ingredjenti u komponenti li huma prodotti b'mod aktar sostenibbli.
- Jinkludu aktar ħajja naturali fil-binjiet tagħhom.

### X'jistgħu jagħmlu komunitajiet?

- Isiru organizzati u jirsistu favur id-distribuzzjoni ġusta u ugwali tar-riżorsi fl-Ewropa u bejn it-Tramuntana Globali u n-Nofsinhar Globali.
- Jiżviluppaw inizjattivi għar-restawr tal-art, protezzjoni ambjentali, l-integrazzjoni tal-ħajja urbana u n-natura, u t-tagħlim dwar ekosistemi differenti.
- Jipparteċipaw f'konsultazzjonijiet pubbliċi u diskussjonijiet soċjali.

### X'jistgħu jagħmlu n-nies?




- Jitgħallmu dwar l-importanza li jippreservaw ekosistemi u l-interkonnessjoni tal-ħajja umana u dik naturali, speċjalment minn nies indiġeni li huma l-kustodji oriġinali tal-art.
- Jagħmlu t-tranżizzjoni minn viżjoni tad-dinja li tirrivolvi madwar l-umanità (antropoċentrika) għal waħda li tirrivolvi madwar in-natura (ekoċentrika).
- Jikkontribwixxu għal żieda fl-għarfien dwar kwistjonijiet ambjentali u jirsistu għal aktar involviment taċ-ċittadini fil-protezzjoni tal-ambjent.
- Jibbojkottjaw kumpaniji li permezz tal-attivitajiet tagħhom jagħmlu ħsara lill-ambjent.



# VIŻJONIJIET

## 6. L-Arti, il-Kultura, u t-Tagħlim

Iż-żgħażagħ jipprevedu soċjetà fejn l-għarfien, kapaċitajiet, u tagħrif tekniku individwali u kollettiv huma parti integrali mill-ħajja ta' kulħadd. L-edukazzjoni għandha tkun oġġettiva, b'xejn għal kulħadd, u aċċessibbli f'forom varji. Huwa speċifikament importanti li wieħed jitgħallem dwar l-ambjent u l-għeruq kolonjali tal-kriżi tal-klima, kif ukoll l-integrazzjoni tal-għarfien u l-perspettivi ta' nies indiġeni. L-iskejjel għandhom ikunu post miftuħ u sigur fejn l-ebda diskriminazzjoni razzista, omofobika, ableist, jew sessita ma tiġi ttollerata u fejn identitajiet differenti jiġu rispettati. Is-sistema edukattiva għandha tipprepara ġenerazzjonijiet preżenti u futuri biex jikkonfrontaw sfidi soċjali u ambjentali u jgħinu l-viżjonijiet taż-żgħażagħ isiru realtà. L-edukazzjoni għandha tiffaċilita bidla sistematika billi tħaddan modijiet differenti ta' ħsieb, tippromwovi bidla kulturali, u tgħallem kapaċitajiet ġodda.

### X'jistgħu jagħmlu gvernijiet lokali, nazzjonali, u Ewropej?

- Jinkludu aktar edukazzjoni barra u fost in-natura.
- Joffru sessjonijiet ta' terapija b'xejn lill-istudenti u programmi kontra l-bullying u għall-ġenituri fl-iskejjel.
- Proġetti pilota ta' sostenibbiltà fl-iskejjel.
- Ikissru stereotipi tal-ġeneru fis-sistema edukattiva, inkluż fl-iskejjel u fit-taħriġ tal-għalliema.
- Jipprijoritizzaw il-ħolqien ta' konnessjoni b'saħħitha bejn it-tfal, in-natura, u l-ħlejjaq naturali minn età żgħira.
- Jagħmlu tranżizzjoni minn edukazzjoni ta' one-size-fits-all. Jappoġġjaw prattiċi pedagoġiċi u metodoloġiji ta' tagħlim alternattiv li jimmiraw li jtejbu l-benesseri emozzjonali, soċjali, u ambjentali, u li huma mibnija fuq prinċipji bħal inklussività, ġusitzzja, reċiproċità, demokrazija, u komunità.
- Jinvestu f'riċerka u jipprovdu finanzjament biex jiżviluppaw adattazzjoni effettiva għat-tibdil fil-klima u strateġiji ta' mitigazzjoni.
- Jipprojbixxu avvenimenti u servizzi kulturali li jinvolvu ħsara lil ħlejjaq naturali jew lin-natura, bħal ġlied tal-barrin, karozzini taż-żwiemel, eċċ.

Is-suġġetti li ġejjin għandhom jiġu inklużi fil-kurrikuli tal-iskejjel: il-ġustizzja klimatika u soċjali, il-mobbiltà sostenibbli, agrikoltura sostenibbli, sovranità tal-ikel, razziżmu, kolonjaliżmu, neo-kolonjaliżmu, nies indiġeni u l-irwol tagħhom bħala protetturi tal-biodiversità, edukazzjoni ċivika, intersezzjonalità, edukazzjoni sesswali, sistemi soċjali u ekonomiji alternattivi, ħsieb u qari kritiku, intelliġenza emozzjonali, komunikazzjoni, kollaborazzjoni, kreattività, ġardinaġġ, tiswija, kif wieħed għandu jadatta għall-bidliet, kif wieħed jistudja b'suċċess, kif wieħed jibqa' kalm f'sitwazzjonijiet ġodda, u kif inkunu nafu u nifhmu lilna nfusna.

### X'jistgħu jagħmlu n-negozji?

- Jinvestu fir-riċerka li tista' tgħina nikkumbattu l-kriżi tal-klima.
- Universitajiet privati għandhom jaġġornaw il-programmi u l-prijoritajiet tar-riċerka tagħhom biex jindirizzaw bżonnijiet soċjali futuri li se jirriżultaw mill-kriżi tal-klima.

### X'jistgħu jagħmlu l-komunitajiet u n-nies?

- Jgħinu jibnu soċjetà bbażata fuq il-ħarsien u s-solidarjetà.
- Iżidu l-għarfien u jipprovdu edukazzjoni liż-żgħażagħ fuq is-suġġetti tal-klima u l-ambjent.
- Iħaddnu bidla kulturali u jappoġġjaw artisti u attivisti lokali.
- Jipprovdu spazju sigur għaż-żgħażagħ biex jitkellmu dwar il-kwistjonijiet li jikkonċernawhom.



# VIŻJONIJIET




## 7. Il-Governanza u t-Teħid tad-Deċiżjonijiet

Iż-żgħażagħ jipprevedu soċjetà fejn it-teħid tad-deċiżjonijiet ikun trasparenti, ikun tan-nies, u jinkludi l-ilħna ta' individwi u komunitajiet li mhumiex rappreżentati biżżejjed. Dawn il-viżjonjijiet jindikaw il-bżonn ta' sistema ġusta fejn il-gvernijiet jieħdu r-responsabbiltà biex jindirizzaw kwistjonijiet ambjentali, fejn id-deċiżjonijiet isiru b'mod kollettiv li jinvolvi l-parteċipazzjoni, u fejn id-dinamika tal-poter globali u l-kapitaliżmu tiġi sfidata.




### X'jistgħu jagħmlu l-gvernijiet?

- Jimplimentaw liġijiet, regolamenti, u politika kuraġġuża biex jindirizzaw il-bidla fil-klima u sfidi ambjentali oħra.
- Jimplimentaw qafas leġiżlattiv biex jipproteġu d-drittijiet tal-bdiewa u nies indiġeni.
- Jinvolvu b'mod serju diversi nies u komunitajiet, inkluż nies indiġeni u gruppi oħra ta' minoranzi, fil-proċessi ta' ppjanar u teħid ta' deċiżjonijiet.
- Jiżguraw li l-politika globali klimatika sservi ta' punt ta' tluq għal diskussjoni u azzjoni kostruttiva u li n-Nofsinhar Globali jkollu ammont ta' poter u influwenza ġusta.
- Jiżguraw li kull gvern, proċess ta' teħid ta' deċiżjoni, investimenti, u politika u soluzzjonijiet proposti jieħdu in kunsiderazzjoni kwistjonijiet ta' saħħa u ġeneru.
- Jemendaw l-Att dwar l-Akkwist sabiex il-fornitur tas-servizz bl-aktar soluzzjoni sostenibbli u tal-ogħla kwalità jiġi magħżul.
- Jinkludu l-protezzjoni tal-ambjent fil-kostituzzjoni u jagħmlu l-ekoċidu att kriminali applikabbli kemm għan-negozji kif ukoll għall-gvernijiet.
- Jipprojbixxu reklamar ta' prodotti u servizzi li jniġġsu.




### X'jistgħu jagħmlu n-negozji?

- Jirrikonoxxu r-responsabbiltà tagħhom bħala atturi kbar fis-soċjetà u jaġixxu b'tali mod.
- Inaqqsu reklamar ta' prodotti li mhumiex sostenibbli u/jew tajbin għas-saħħa.

### X'jistgħu jagħmlu l-komunitajiet?

- Jiżviluppaw inizjattivi biex jippromwovu u jitolbu għal bidla.
- Jiżviluppaw jew jinvolvu ruħhom f'proġetti pilota għal żvilupp sostenibbli komunitarju.
- Jappoġġjaw u juru solidarjetà ma' nies indiġeni fil-ġlieda tagħhom għal drittijiet politiċi, kulturali, u umani.

### X'jistgħu jagħmlu n-nies?

- Jorganizzaw ruħhom u jużaw leħinhom biex jitolbu għal sistema governattiva aktar ġusta u trasparenti fejn in-nies ikunu inklużi fit-teħid tad-deċiżjonijiet.
- Ikunu jafu d-drittijiet tagħhom bħala ċittadini u jkunu parti attiva fil-proċessi ta' parteċipazzjoni.
- Juru solidarjetà ma' dawk li ma ngħatalhomx id-dritt ta' awtodeterminazzjoni u awtogovernanza.



# VIŻJONIJIET

## 8. Il-Finanzjament tat-Trasformazzjoni tas-Sistema

Il-finanzi jridu jiġu allokati mill-ġdid biex jappoġġjaw ġustizzja u benesseri soċjali permezz ta' ridistribuzzjoni mit-Tramuntana Globali għan-Nofsinahr Globali. Iż-żgħażagħ jitolbu li gvernijiet u korporazzjonijiet jieħdu responsabbiltà finanzjarja għall-azzjonijiet (kolonjali) attwali u preċedenti ta' dannu u li jieqfu jiffinanzjaw dawk li huma ta' ħsara għall-ambjent. Ma jistax ikun li l-affarijiet jibqgħu sejrin kif inhuma sejrin.

### X'jistgħu jagħmlu l-gvernijiet?




- Jiddirezzjonaw mill-ġdid finanzi u investimenti għal skopijiet ta' protezzjoni tal-ħajja umana u naturali, ġustizzja soċjali, u l-iżvilupp ta' teknoloġiji etiċi u sostenibbli.
- Jiżguraw li riżorsi naturali jintużaw ugwalment mill-ġenerazzjonijiet kollha. Pajjiżi fit-Tramuntana Globali għandhom jappoġġjaw lin-Nofsinhar Globali permezz ta' reparazzjonijiet kolonjali u klimatiċi.
- Iwaqqfu l-finanzjament ta' kumpaniji li jikkawżaw ħsara lill-ambjent, inkluż il-produzzjoni taż-żejt, gass, u faħam, kif ukoll joħolqu impjiegi ekoloġiċi f'setturi bħall-enerġija rinnovabbli, biedja riġenerattiva, restawr tal-ekosistemi, eċċ.
- Jiżguraw sistema ta' taxxa ġusta u ekwitabbli, inkluż taxxi fuq il-ġid u CO2. Dan il-flus miġjub mit-taxxi għandu jiġi investit mill-ġdid fi proġetti sostenibbli biex jagħmel bidla trasformattiva.
- Ikunu trasparenti dwar infiq pubbliku u jinfurmaw u jinvolvu lin-nies dwar deċiżjonijiet fuq infiq pubbliku.
- Iżommu lil banek u istituzzjonijiet oħra finanzjarji responsabbli għall-kontribuzzjoni tagħhom għall-kriżi tal-klima. Jimplimentaw liġijiet biex jiżguraw trasparenza għall-konsumaturi u jillimitaw l-investimenti tagħhom fil-produzzjoni tal-karburanti fossili, speċjalment produzzjoni li tisfrutta n-Nofsinhar Globali.
- Jiżviluppaw alternattivi biex ikejlu l-valur miżjud u l-benesseri (flok il-GDP) u jistituzzjonalizzaw l-użu tagħhom.

### X'jistgħu jagħmlu n-negozji?

- Iwaqqfu n-negozju kif attwalment għaddej bħalissa kif ukoll il-greenwashing. Jinvestu bi prattiċi ta' negozju li jħarsu l-ambjent u li huma soċjalment responsabbli u li jipproteġu r-riżorsi naturali, biex b'hekk jimminimizzaw emissjonijiet tal-karbonju u jiżguraw ġustizzja soċjali.
- Jużaw fondi tal-pensjoni li jinvestu fin-nies u fil-pjaneta.
- Iwaqqfu l-produzzjoni kollha tal-karburanti fossili u jinvestu f'impjiegi ekoloġiċi u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.
- Jutilizzaw għarfien u prattiċi pre-eżistenti u mhux tal-Punent għax dawn ħafna drabi kapaċi jipprovdu modijiet inklussivi u effikaċi għat-trasformazzjoni mixtieqa.

### X'jistgħu jagħmlu l-komunitajiet u n-nies?

- Jistabbilixxu sistema ekonomika alternattiva għall-komunità (eż. sharing economy) li kapaċi teżisti indipendentament mis-swieq globali.
- Jisimgħu minn nies u komunitajiet indiġeni—dawn jistħoqqilhom il-ħin, l-ispazju, u l-pjattformi biex jieħdu r-riedni f'idejhom fit-twaqqif tal-kriżi klimatika u tal-biodiversità.



# VIŻJONIJIET




## 9. Il-Kura tas-Saħħa u l-Ġustizzja Soċjali

Ġustizzja klimatika tfisser ukoll ġustizzja fir-rigward tas-saħħa u ġustizzja soċjali. Per eżempju, il-pandemija tal-Covid-19 mhijiex biss kriżi tas-saħħa, iżda wkoll kriżi ambjentali, għax toriġina mid-distruzzjoni tal-biodiversità u tan-natura, kif ukoll mill-mudell ekonomiku preżenti kapitalist. Per konsegwenza, il-kriżi tal-klima toħloq diversi riskji tas-saħħa, per eżempju billi żżid in-numru ta' mwiet prematuri minn avvenimenti ta' temp estrem bħal mewġa ta' sħana. Il-kriżi tal-klima taffettwa nies differenti b'mod differenti, ħafna drabi abbażi ta' fatturi bħall-post tagħhom, l-istatus ekonomiku, l-età, l-abbiltà (u diżabbiltà), u diskriminazzjoni strutturali li jaffaċċjaw minħabba, eż, ir-razza, il-ġeneru, u l-orjentazzjoni sesswali tagħhom. Dan hu għala approċċ intersezzjonali għandu sehem kruċjali f'dan ir-rigward. L-aspett soċjali jrid jiġi rikonoxxut u indirizzat f'politika tal-UE jekk irridu nakkwistaw Patt Ekoloġiku Ewropew ġust li ma jħalli lil ħadd warajh.

### X'jistgħu jagħmlu l-gvernijiet?

- Jiżguraw li kulħadd għandu standard ta' għajxien adegwat.
- Jipprovdu kura ta' saħħa aċċessibbli minn kulħadd.
- Jiżguraw li l-vaċċini jkunu aċċessibbli u mqassma b'mod ġust lil kulħadd.
- Jiżguraw li kulħadd għandu xogħol diċenti u paga suffiċjenti, kif ukoll kundizzjonijiet ta' xogħol tajbin għas-saħħa, siguri, u ġusti.
- Jikkumpensaw b'mod ġust kull xogħol ta' kura, kemm id-dar u kemm fis-soċjetà.
- Jintroduċi pagi minimi u massimi biex inaqqsu l-inugwaljanza ekonomika u l-konsum żejjed.
- Jiżguraw u jipproteġu d-drittijiet ta' gruppi ta' minoranza u jippromwovu kultura ta' diversità, ftuħ, u inklużjoni.
- Jipprojbixxu l-ittestjar fuq l-annimali.
- Jappoġġjaw u jinkoraġġixu kumpaniji biex jintegraw miżuri ta' ugwaljanza bejn is-sessi, u jiżguraw li m'hemm l-ebda diskriminazzjoni kontra minoritajiet bil-proċess tal-impjieg pubbliku.
- X'jistgħu jagħmlu n-negozji?
- Jipprovdu kundizzjonijiet tax-xogħol u pagi diċenti, kif ukoll assigurazzjoni tas-saħħa għall-ħaddiema tagħhom.
- Jiżguraw ambjent ta' xogħol li jħaddan diversità, trasparenza, u pożittività, bla ebda diskriminazzjoni, u fejn is-saħħa mentali tista' tiġi diskussa b'mod miftuħ.
- Juru solidarjetà ma', u jagħtu appoġġ lil, dawk li jkollhom bżonn.
- Ikissru stereotipi u jieqfu jipproduċu prodotti skont il-ġeneru.
- Itemmu strateġiji ta' kummerċ li jqarrqu, inkluż greenwashing u pink washing.

### X'jistgħu jagħmlu l-komunitajiet?

- Jagħtu s-setgħa lin-nies biex jitkellmu u jipprovdu għajnuna lil gruppi u individwi vulnerabbli fil-komunità mingħajr ebda stigma jew ġudizzju. Jaqsmu r-riżorsi ma' komunitajiet inqas privileġġati.
- Joħolqu ambjent ta' solidarjetà, inklussività, u ħarsien li jżid ir-reżiljenza fil-komunità.
- Jgħinu biex jiżguraw li l-identitajiet u l-impjiegi kollha jiġu trattati b'rispett u dinjità.
- Jistabbilixxu unions b'saħħithom u ta' min jafdahom li jipproteġu d-drittijiet tal-ħaddiema.
- Iqajmu għarfien fuq il-bidla fil-klima.

### X'jistgħu jagħmlu n-nies?

- Jedukaw lilhom infushom u jkunu konxji tal-privileġġi tagħhom u ta' nies oħra.
- Jagħmlu pressjoni fuq gvernijiet biex jieħdu azzjoni u jimplimentaw soluzzjonijiet ġusti.
- Ikunu miftuħa lejn, ġusti, u jifhmu n-nies, kif ukoll joħolqu ambjent soċjevoli u rilassat fejn kulħadd iħossu komdu u milqugħ

# KONKLUŻJONI

Din il-Proposta taż-Żgħażagħ tippreżenta l-viżjonijiet taż-żgħażagħ Ewropej għal futur san aktar soċjalment u ekoloġikament ġust. Bir-rappreżentazzjoni ta' eluf ta' ilħna li għandhom bżonn jinstemgħu, iż-żgħażagħ—u partikolarment dawk li mhumiex rappreżentati biżżejjed—identifikaw it-triq 'il quddiem għal Patt Ekoloġiku Ewropew aktar ġust u inklussiv. Aħna qed insejħu għal ġustizzja klimatika u soċjali għaliex il-kriżi tal-klima qed timpatta sinifikament lin-nies madwar id-dinja u dawk li l-aktar li jbatu huma n-nies u ż-żgħażagħ mhux rappreżentati biżżejjed. Aħna qegħdin f'punt deċiżiv, u d-deċiżjonijiet li jittieħdu llum mhux ħa jaffettwaw biss il-preżent iżda se jkollhom implikazzjonijiet kbar għall-futur. Għalhekk aħna qed nitolbu li nkunu inklużi fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-iżvilupp ta' oqfsa istituzzjonali bħall-Patt Ekoloġiku sabiex niżguraw approċċ olistiku għall-isfidi attwali u futuri kif ukoll trasformazzjoni intersezzjonali għan-nies u l-pjaneta.

Il-Proposta taż-Żgħażagħ turi li ż-żgħażagħ Ewropej huma investiti, mimlija b'ideat, u lesti għall-ibdla. Wara xhur ta' tħabbil il-moħħ, hemm disa' viżjonijiet għal setturi differenti ppreżentati f'din il-Proposta—issa kulma għad fadal hu l-implimentazzjoni tagħhom!

**REFERENCES:**


https://www.eurovia.org/publication-of-the-youth-articulations-position-document-on-the-reform-of-the-common-agricultural-policy/
https://www.equinox-eu.com/wp-content/uploads/2021/06/Towards-Climate-Justice-Equinox.pdf
https://www.equinox-eu.com/wp-content/uploads/2021/03/WEB-EQUINOX-Towards-racial-justice-EU-institutions.pdf
https://friendsoftheearth.eu/publication/driving-destructive-mining/
https://youngfoee.eu/wp-content/uploads/2020/12/englishweb.pdf
https://youngfoee.eu/wp-content/uploads/2020/12/toolkit_for_intersectional_movement_building.pdf
https://youngfoee.eu/wp-content/uploads/2020/12/yfoee_manifesto_final.pdf




# GLOSSARJU

**Ġeoinġinerija** tikkonsisti f'interventi intenzjonali fuq skala kbira fis-sistemi u proċessi naturali tad-dinja biex jitnaqqsu l-effetti tat-tibdil fil-klima. Primarjament, hemm żewġ tipi ta' ġeoinġinerija: ġeoinġinerija solari, li tipprova tnaqqas l-ammont ta' radjazzjoni li d-dinja tirċievi mix-xemx, u ġeoinġinerija tad-dijossidu tal-karbonju, li jipprova jnaqqas id-dijossidu tal-karbonju jew gassijiet serra mill-atmosfera. It-tekniki tal-ġeoinġinerija jirrappreżentaw sforzi biex jimmanipulaw il-klima fuq skala globali u huma kkritikati ferm għaliex dawn iġibu magħhom impatti ambjenti u soċjali tagħhom stess, u huma ffavoriti mit-Tramuntana Globali bħala soluzzjoni teknoloġika "faċli" għat-tibdil fil-klima, u joriġinaw mill-istess sistema kapitalista li tikkawża t-tisħin globali.

**Il-qbid u l-ħżin tad-dijossidu tal-karbonju** tinvolvi l-qbid tad-dijossidu tal-karbonju mormi minn impjanti tal-enerġija tal-karburanti fossili, industriji li jikkunsmaw ħafna enerġija, u sorsi oħra kbar, u t-trasportazzjoni tiegħu għal sit ta' ħażna u l-injezzjoni tiegħu fl-art. Bħall-ġeoinġinerija, il-qbid u l-ħżin tal-karbonju huwa ħafna drabi propost mit-Tramuntana Globali bħala soluzzjoni teknoloġika faċli għat-tibdil fil-klima u ħafna draba jirriżulta bħala falliment li jiswa ħafna flus li kulma jagħmel ikompli jestendi l-ħajja tal-produzzjoni tal-karburanti fossili.

**Greenwashing** huwa meta kumpanija jew organizzazzjoni jirreklamaw lilhom infushom bħala tali li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent meta fil-verità jagħmlu ftit li xejn biex jimminimizzaw l-impatt ambjentali tagħhom. Din it-tip ta' strateġija ta' reklamar ħafna drabi tiġi użata biex tipperswadi u tiżgwida lin-nies biex jemmnu li l-kumpanija jew organizzazzjoni hija aktar sostenibbli milli hi fil-verità.

**Pink washing** huwa meta kumpaniji jieħdu l-opportunità biex japprofitaw minn merkanzija relatata mal-PRIDE jew jibbenefikaw mill-bejgħ tad-diversità mingħajr ma fil-verita jippruvaw itejbu l-ħajjiet ta' dawk li huma parti mill-komunità LGBTQ+.

**Soluzzjoni ta' Tilwim bejn Investituri u Stati (ISDS)** huwa mekkaniżmu li huwa inkluż f'ħafna ftehimiet ta' investiment u ta' kummerċ biex isolvi tilwim. Dan jippermetti kumpaniji barranin biex ifittxu gvernjiet għal miżuri li kapaċi jimpattaw il-profitti tagħhom. Dan il-mekkaniżmu kapaċi jġiegħel gvernijiet iwaqqfu l-implimentazzjoni ta' politika li hija fl-interess tal-pubbliku u l-klima, u jħallsu miljuni f'kumpens lil kumpaniji.

**It-Trattat tal-Karta tal-Enerġija (ECT)** huwa qafas multilaterali internazzjonali għall-koperazzjoni tal-enerġija li japplika għal aktar minn 50 pajjiż. It-trattat huwa ddisinjat biex jippromwovi sigurtà tal-enerġija iżda huwa ferm kontroversjali għaliex jagħti lill-investituri l-poter li jfittxu lil stati għal azzjonijiet governattivi li allegatament jagħmlu ħsara lill-investimenti tagħhom. Din kapaċi tinterrompi t-tranżizzjoni minn karburanti fossili għal enerġija rinnovabbli u diġà qed isseħħ fin-Netherlands, li qed tiġi mfittxija mill-kumpanija tal-faħam REW għal 1.4 biljun ewro bħala kumpens għall-phase-out mill-faħam tan-Netherlands. It-Trattat tal-Karta tal-Enerġija jinkludi Soluzzjoni ta' Tilwim bejn Investituri u Stati (ISDS) hekk kif spjegat hawn fuq.

**Agrikoltura Appoġġjata mil-Komunità (CSA)** hija forma alternattiva ta' produzzjoni tal-ikel li tqarreb il-bdiewa u l-konsumaturi u tipprova toħloq sistema tal-ikel aktar trasparenti, sostenibbli, u lokali. CSA tista' tieħu ħafna forom, iżda r-responsabbiltajiet, riskji, u benefiċċji tal-biedja huma aktar ta' sikwit maqsuma bejn il-bdiewa u l-konsumaturi. Il-konsumaturi jistgħu, per eżempju, ikunu involuti permezz ta' investimenti fl-irziezet, fil-qsim tal-ispejjeż tal-produzzjoni, jew billi jipprovdu għajnuna fl-attivitajiet tal-irziezet.

# ĊAĦDA

L-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea għall-produzzjoni ta' din il-pubblikazzjoni ma jikkostitwixxix approvazzjoni tal-kontenut, li jirrifletti biss il-fehmiet tal-awturi, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha.

Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union



# KOFIRMATARJI

Din il-Proposta taż-Żgħażagħ għall-Patt Ekoloġiku Ewropew hija appoġġjata mill-organizzazzjonijiet u inizjattivi li ġejjin:

system:
reset